MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Numru 1053/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**
**VS**
**RAYMOND CALLUS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Raymond Callus, ta’ 46 sena, iben Carmel u Frances nee’ Busuttil, imwieled Paola, nhar is-26 ta’ Awissu 1962, residenti Blokk 15, flat no.7, Trejqet is-Sardinel, Santa Lucija u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 544062(M).

Illi huwa akkuzat talli gewwa l-Mosta f’xi hin bejn it-7:45a.m. u l-5:15p.m. ta’ nhar is-17 ta’ Gunju 2009, ikkommetta serq laptop computer ta’ l-ghamla Toshiba u diversi oggetti ohra minn gewwa residenza no.47, flat

no.2, Triq E. B. Vella l-Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jiskorri 2,329.37 Euro, u dan sar ghad-detriment ta’ Duane Carabott u/jew persuni ohra;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri 116.47 Euro, u li saret ghall-imsemmi Duane Carabott u/jew persuni ohra.

Il-Qorti hija mitluba li f’kaz ta’ htija titratta lill-imputat bhala li sar recediv ai terminu ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi tal-Qorti ta’ l-Appell u tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Ghaldaqstant, filwaqt li qed nesebixxu l-att tat-twelid u l-fedina penali ta’ l-imsemmi Raymond Callus nitolbu li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat, Raymond Callus, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261, 263, 264, 267, 269, 279, 280, 325, 49, 50 u 289 tal-

Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija.

Din il-Qorti akkordat din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, kif ukoll il-fatt illi, kif jidher mill-fedina penali voluminuza ta' l-imputat, jidher illi l-imputat ghamel karriera tieghu f'serq u frodi u inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirrijabilita' ruhu u dawn sfaw kollha fix-xejn.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti ma setghetx tikkonsidra piena alternattiva ghajr dik ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------